12 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonia Sharratt *versus* Avukat Dr. Stephen Borg Cardona et. ne.

## Żwieġ — Nullità — Domiċilju

*Żwieġ ċelebrat minn malti domiċiljat f'Malta, li jipprofessa r-Religjon Kattolika, huwa null, jekk jiġi ċelebrat mingħajr il-formalitajiet preskritti mid-Dritt Kanoniku, u jiġi ċelebrat fi kwalunkwe forma oħra li mhix dik stabbilita mill-Liġi Kanonika.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi hija hi kattolika, imwielda u domiċiljata f'Malta, fejn ġiet imgħammda fil-parroċċa ta' Birkirkara fl-ewwel ta' Settembru 1932, u konfirmata fil-parroċċa ta' taż-Żurrieq fis-27 ta' April 1940 (dok. A u B); u illi hija kienet marret l-Ingliterra biex tiżżewweġ lill-konvenut li kien sejjer jispiċċa mis-servizz bħala baħri fir-Royal Navy, bl-intenzjoni li terġa tiġi toqgħod Malta ma' żewġha; liema żwieġ ġie kuntrattat fit-8 ta' Frar 1954 quddiem ir-Registrar of Marriages ta' Nuneaton fil-County ta' Warwick, l-Ingilterra, mingħajr ma ġew osservati l-formalitajiet taż-żwieġ kattoliku skond il-Liġi Kanonika, li trid dik il-forma ta' ċelebrazzjoni stabbilita fil-Konċilju ta' Trento, anki fejn waħda biss mill-partijiet hija kattolika (dok. C); titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, iż-żwieġ kuntrattat minnha ma' Bernard Charles Sharrat quddiem ir-Reġistrar of Marriages ta' Nuneaton fil-County Warwick, Ingilterra, fit-8 ta' Frar 1954, jiġi dikjarat null u bla ebda effett, peress li ma ġiex ċelebrat skond il-formalitajiet rikjesti mill-Liġi Kanonika kif fuq intqal u għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-attriċi hija mwielda hawn Malta u kienet, kif għadha, tipprofessa r-Reliġjon Kattolika. Hija kienet iltqgħaqet ma' Bernard Sharratt hawn Malta, tgħarrset miegħu, u kellha tiżżewġu wkoll hawn Malta fil-Knisja Kattolika, u għal dan il-fini kienu saru l-pratiki neċessarji kollha, billi anki l-imsemmi Sharratt kien mar mal-attriċi l-Kurja Arċiveskovili biex jikkonforma ruħu ma' dak li kien meħtieġ minnu biex l-istess żwieġ isir fl-imsemmija Knisja. Gara li Bernard Sharratt, li allura kien baħri fir-Royal Navy, bagħtu għalieħ biex imur l-Ingilterra għall-eżiġenzi tas-servizz, u ma kienx

hemm żmien biżżejjed biex jilħaq isir iż-żwieġ hawn Malta. Sadattant l-attriċi kienet ħarġet gravida mill-imsemmi Sharratt. *Mill-bidu nett kien sar ftehim* bejn l-attriċi u Bernard Sharratt li wara li dan jispiċċa mis-servizz, li ma kellux iddum wisq ma jittermina, huwa jistabbilixxi r-residenza tiegħu permanentement hawn Malta. Dan il-ftehim ġie ripetut meta Sharratt ġie biex imur, kif ingħad, l-Ingilterra. Minħabba fl-istat tagħha ta' gravidanza, l-attriċi ddeċidiet li tmur ħdejn Sharratt l-Ingliterra biex jiżżewġu hemmhekk, bil-ħsieb dejjem li dan iż-żwieġ kellu jsir u jiġi ċelebrat fil-Knisja Kattolika, u bil-ħsieb ukoll li kellha, wara *ftit taż-żmien*, appena huwa jispiċċa mis-servizz, tirritorna u tibqa' miegħu hawn Malta. Għalhekk l-attriċi ħadet passi biex isiru, kif saru, it-tnedijiet taż-żwieġ fil-parroċċa tal-Gżira, u marret l-Ingilterra bla ma ħadet xejn magħha, għaliex kienet żgura, fuq kliem Bernard Sharratt, li ma kellhiex iddum żmien wisq li tiġi lura Malta. Però, meta marret l-Ingilterra u ltaqgħet ma' Sharratt, dan lill-attriċi ħadha biex tiżżewġu quddiem ir-Reġistrar of Marriages fil-Kontea ta' Warwick. Hija qagħdet l-Ingilterra xi sentejn, u kif Sharratt spiċċa mis-servizz, irritornat hawn Malta weħedha, għaliex Bernard Sharratt irrifjuta li jiġi magħha, għalkemm taha l-kunsens tiegħu biex iġġib lill-binthom, li twieldet l-Ingliterra;

Illi, kif ingħad, l-attriċi hi maltija u tipprofessa r-Reliġjon Kattolika, kif ukoll li hija kienet u baqgħet domiċiljata f'Malta, għaliex qatt ma abbandunat dan id-domiċilju. Ma jistgħax jingħad li l-attriċi, meta marret l-Ingilterra, kellha l-ħsieb li tibqa' ma' Bernard Sharratt wara li tiżżewġu, u hekk tħalli d-domiċilju tagħha u *takkwista dak ta' żewġha*, imur dan fejn imur. L-intenzjoni tal-attriċi kienet li hija, wara li tiżżewweġ lil Sharratt, tiġi miegħu hawn Malta, jiġifieri li huwa wara ż-żwieġ kellu jistabbilixxi r-residenza permanenti tiegħu hawn Malta u hekk jakkwista d-domiċilju ta' Malta; b'mod li anki hija, anki bħala miżżewġa lilu, jibqa' jkollha l-istess domiċlju. Din l-intenzjoni tal-attriċi tirriżulta tant mill-fatt li hija, meta marret l-Ingliterra, ħal-

liet ħwejjiġha kollha hawn Malta, kif ukoll mid-dokument fil-fol. 22 tal-proċess, li, jekk u safejn jista' jifforma prova, juri, kif xehdet ukoll l-attriċi, li Bernard Sharratt kellu l-intenzjoni li jiġi u jistabbilixxi permanentement ir-residenza tiegħu Malta wara li jispiċċa mir-Royal Navy, tant li għal dan l-iskop kien ġa lesta l-passaport. Għalhekk jirriżulta b'mod preċiż u konkludenti li l-attriċi kellha l-intenzjoni li wara ż-żwieġ tagħha ma' Bernard Sharratt tiġi u tibqa' miegħu hawn Malta, kif kien qalilha u assiguraha huwa stess;

Illi jinsab pruvat li ż-żwieġ bejn Bernard Sharratt u l-attriċi, li, kif ingħad, hi maltija domiċiljata f'Malta, u li tipprofessa ir-Reliġjon Kattolika, ma ġiex ċelebrat bil-formalitajiet rikjesti mill-Liġi Kanonika. U hu magħruf li ż-żwieġ ċelebrat minn malti domiċiljat f'Malta, u li kien jipprofessa r-Reliġjon Kattolika, mingħajr il-formalitajiet preskritti mid-Dritt Kanoniku, hu null, meta jiġi ċelebrat fl kwalunkwe forma oħra li mhix dik stabbilita mill-Liġi Kanonika (Vol. XXXII-II-70, 480; XXXIV-II-438);

Illi għalhekk it-talba tal-attriċi tidher ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għall-istess talba; imma min-ħabba fin-natura tal-kawża u ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; id-drittijiet u spejjeż tal-kuraturi, però, jitħallsu provviżorjament mill-attriċi.